

Brussell, 26 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0376(COD)

---

---

14281/18  
ADD 1

CODEC 2003  
ENER 379  
ENV 762  
TRANS 545  
ECOFIN 1053  
RECH 489

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

---

#### Dikjarazzjoni mill-Belġju

Għalkemm ivvota kontra, il-Belġju jibqa' promotur qawwi ta' politika għall-klima u l-enerġija sostenibbli kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2014 u kif hemm fil-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, il-Belġju jaderixxi bis-sħiħ mal-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika.

L-għan ambizzjuż tal-proposta ppreżentata, b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 7, madankollu, jippreżenta lill-Belġju sfida insormontabbli biex dan jinkiseb b'mod kosteffiċjenti.

Minkejja dan, il-Belġju ser jibqa' jikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-għan Ewropew tal-effiċjenza enerġetika.

### **Dikjarazzjoni mill-Kroazja**

Ir-Repubblika tal-Kroazja tesprimi t-tfassib tagħha dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 u l-valuri tat-tfaddil attwali annwali fil-konsum totali tal-enerġija, fejn il-mira hi ffissata għal 0.8%. Ir-Repubblika tal-Kroazja tista', skont il-pożizzjonijiet tagħha espressi qabel taqbel li tappoġġa soluzzjoni ta' kompromess b'massimu ta' 0.7%.

Għalkemm l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika fis-setturi kollha ser tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fl-UE, il-valur tat-tfaddil annwali attwali ta' 0.8 % fil-konsum totali tal-enerġija mhuwiex ekonomikament vijabbli u jista' jkollu impatt ekonomiku negattiv sinifikanti fuq ir-Repubblika tal-Kroazja. Għalhekk, ir-Repubblika tal-Kroazja ser tastjeni meta jiġi adottat it-test ta' kompromess finali dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/27/UE.

### **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

Għalkemm ir-Repubblika Ċeka vvutat kontra dan ma jżommhiex milli tibqa' għal kollox impenjata għal prinċipji tal-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni u l-politika dwar l-enerġija sostenibbli. Minkejja dan, fil-fehma tagħna, l-obbligu ambizzjuż fir-reviżjoni tal-Artikolu 7 jippreżenta sfida kbira għar-Repubblika Ċeka. L-obbligu rivedut ser jeħtieġ bidla fundamentali fil-qafas tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika u eventwalment jista' jkun impossibbli li dan jintlaħaq b'mod kosteffiċjenti.

Ir-Repubblika Ċeka tibqa' impenjata għall-implimentazzjoni ta' politiki dwar l-effiċjenza enerġetika li jkollhom suċċess u ser tagħmel ħilitha biex tikkontribwixxi lejn l-għan tal-Unjoni rigward l-effiċjenza enerġetika.

### **Dikjarazzjoni mill-Portugall**

Minkejja l-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika qabel kollox, il-Portugall jafferma mill-ġdid it-tfassib li ntweru fi stadji preċedenti tan-negożjati rigward il-livell estremament għoli ta' sforz assoċjat mal-Artikolu 7 tad-Direttiva.